**19 ta' Awissu, 1992**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Perit Anthony Stivala *et*

*versus*

Gerald De Trafford

**Azzjoni Kollettiva - Dikjarazzjoni**

*Meta jkun hemm aktar minn attur wieħed, u l-oġġett tat-talba ta' kull attur huwa differenti, ma tkunx saret kawża waħda, iżda daqstant kawżi daqs kemm hemm atturi, għalkemm dawn il-kawżi jitressqu b'ċitazzjoni waħda.*

*Meta jitressqu diversi kawżi b'ċitazzjoni waħda, kull attur għandu jikkonferma bil-ġurament il-paragrafu jew paragrafi tad-dikjarazzjoni li jkun fihom il-fatti dwar il-kawża tiegħu.*

*Biex jista' jingħad li hemm l-unità ta' kawża għal diversi atturi, dawn iridu ma jkunux jistgħu jaġixxu singolarment billi d-dritt ta' azzjoni ta' kull wieħed minnhom ma jkunx jista' jiġi eżerċitat mingħajr il-kunsens ta' l-ieħor.*

Il-Qorti: - Ikkunsidrat:

Fit-2 ta' Ottubru 1990, L-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat sentenza li essenzjalment tgħid dan:

"Premess li b'konvenju datat 23 ta' Diċembru 1987 il-konvenut ipprometta u obbliga ruħu li jbigħ u jittrasferixxi lill-atturi li pprometew u obbligaw ruħhom li jixtru u jakkwistaw, u ċjoè Anthony Stivala żewġ *plots* kontigwi li jġibu n-numri (12) u (13) formanti parti mill-art fid-distrett *Ta' Fġieni* fil-limiti ta' Ħ'Attard, u rigward Adrian Stivala ż-żewġ *plots* numri (14) u (15) formanti parti mill-istess art u dan bil-prezz u taħt il-kondizzjonijiet stipulati fl-istess konvenju;

Illi t-terminu u validità ta' dan il-konvenju ġie estiż diversi drabi u ċjoè bl-iskritturi tas-26 ta' Mejju 1988, 12 ta' Awissu 1988, 27 ta' Jannar 1989, 20 ta' Lulju 1989, u 26 ta' Ottubru 1989;

Illi l-intimat interpellat biex jaddivjeni għall-kuntratt tat-trasferiment fuq imsemmi qiegħed jirrifjuta;

Talbu għalhekk l-atturi lil din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut biex jaddivjeni għall-kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà fuq imsemmija a favur ta' l-atturi u dan skond it-termini ta' l-imsemmi konvenju u dan fi żmien li jiġi stabbilit mill-Qorti;

2. jiġi nnominat nutar biex jippubblika l-att relattiv u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-14 ta' Diċembru 1989, kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa

bir-rispett:

1. Iċ-ċitazzjoni hija nulla għaliex ma ġiex osservat dak li l-liġi tiddisponi fl-artikoli 156(4) u 156A(1) tal-Kap. 12 għar-rigward ta' l-azzjoni kollettiva. Difatti, l-artikolu 156A(1) jordna a rigward *taċ-ċitazzjoni illi: "L-oġġett* u r-raġuni *tal-kawżi* għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar u sewwa dwar kull attur" u żewġ atturi jew aktar jistgħu jressqu **l-kawżi tagħhom** b'ċitazzjoni waħda". Mentri l-atturi akkumulaw iż-żewġ kawżi tagħhom f'domanda unika u talba li l-konvenut jiġi kkundannat jaddivjeni għall-kuntratti ta' bejgħ tal-proprjetà msemmija fil-premessi "għaf-favur ta' l-atturi". *Inoltre*, l-artikolu 156(4) jiddisponi li: "Meta jitressqu flimkien diversi kawżi kif provdut fl-artikolu 156A, **kull wieħed** mill-atturi għandu jikkonferma bil-ġurament il-paragrafu jew il-paragrafi ta' dik il-kawża tiegħu". Fil-fatt *anke hawn l-atturi akkumulaw id-dikjarazzjoni* tal-fatti f'paragrafu uniku għat-tnejn flimkien u d-dikjarazzjoni ġiet ġuramentata biss mill-Perit Anthony Stivala;

2. Mingħajr preġudizzju, fil-mertu, il-konvenju kien soġġett għall-kondizzjonijiet li l-art tkun sit fabrikabbli (klawsola 5) u li jkunu ħarġu l-permessi għall-bini (klawsola 8). L-ebda waħda *minn dawn il-kondizzjonijiet* ma avverat ruħha sakemm skada l-konvenju u għalhekk l-atturi ma jistgħux jitolbu l-esekuzzjoni speċifika ta' l-obbligu tat-trasferiment;

3. *Inoltre*, l-konvenut m'huiwex f'posizzjoni li jiggarantixxi l-paċifiku pussess tad-diversi *plots* bħala liberi u franki, kif ġie stipulat, għaliex irriżulta li parti minn dawk il-*plots* qiegħda għandu b'enfitewsi temporanju u t-titolu tiegħu huwa għalhekk risolubbli;

4. *Di più,* il-konvenut ma jistax jagħti l-garanziji stipulati fil-klawsola 7 għaliex irriżulta li hemm barrieri midfunin;

5. Għar-rigward ta' l-attur Adrian Stivala, il-konvenju fi kwalunkwe każ skada għaliex fl-ittra uffiċjali ta' l-14 ta' Diċembru 1989, hu ġie msejjaħ b'isem divers, u ċjoè Adrian;

Apparti konsiderazzjonijiet illi jolqtu l-mertu tal-kawża, il-konvenut eċċepixxa diversi eċċezzjonijiet preliminari intiżi biex jattakkaw il-validità u ritwalità taċ-ċitazzjoni nnfisha. Għalhekk kien opportun li qabel xejn ikun hemm deċiżjoni preliminari dwar dawn l-eċċezzjonijiet;

L-eċċezzjoni legali ewlenija hija bbażata fuq diversi subartikoli ta' l-art. 156 u 156A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili riferibilment għall-preżentata ta' azzjoni kollettiva b'aktar minn attur wieħed;

L-abili difensur tal-konvenut issottometta li l-oġġett u r-raġuni tal-kawża ġew magħqudin f'talba unika minkejja illi kull attur qiegħed jirreferi għal *plots* ta' art differenti; allura, isostni l-konvenut, l-oġġett u r-raġuni tal-kawżi ma jinsabux iddikjarati b'mod ċar u sewwa dwar kull attur;

Min-naħa l-oħra, l-abili difensur ta' l-atturi rrefera għall-fatt li hawn *si tratta* ta' att ta' konvenju wieħed illi minnu ħarġu d-diversi obbligazzjonijiet allegatament assunti mill-konvenut. Kwindi, in realtà, hawn si tratta ta' fatt wieħed naxxenti *ex contractu;*

Dwar dina l-ewwel parti ta' l-eċċezzjoni, il-Qorti hija tal-

fehma illi għalkemm ċertament kienet tkun aktar korretta ċ-ċitazzjoni in diżamina li kieku saret talba għal kull oġġett u din in riferenza għal kull wieħed miż-żewġ atturi, però ma jidhirx fl-istess waqt li teżisti dik in-nuqqas ta' kjarezza fl-oġġett tat-talba kif irid *invece* jimplika l-konvenut. Ir-riferenza u l-alluzjoni netta fil-korp taċ-ċitazzjoni – parti integrali ta' l-att *de quo* – huma biżżejjed ċari u spjegattivi ta' dak illi in segwitu qiegħed jintalab mill-konvenut mill-kontroparti – u dan b'mod faċli u mingħajr diskapitu għall-istess konvenut. Fil-fatt, l-istess konvenut, ankorkè mingħajr preġudizzju, ma jidhirx li sab diffikultà biex jissolleva wkoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

Għalhekk, taħt dan l-aspett, iċ-ċitazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti ta' l-art. 156A(1) tal-Kap. 12 bir-riserva li diġà saret mill-Qorti;

Jifdal però l-parti l-oħra ta' l-istess paragrafu indikat bin-numru 1 fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet illi jattakka, l-att taċ-ċitazzjoni *ai termini* ta' l-art. 156(4). Fil-fatt, jekk wieħed jeżamina d-dikjarazzjoni ġuramentata illi hemm annessa ma' l-att taċ-ċitazzjoni, wieħed isib illi din ġiet maħlufa mill-attur Perit Anthony Stivala **biss** u mhux ukoll mill-attur l-ieħor Adrian Stivala. Jidher ukoll li l-intenzjoni oriġinali kienet illi ċ-ċitazzjoni tinħalef miż-żewġ atturi. Dana jingħad għaliex fid-dikjarazzjoni nsibu l-premessa "Dikjarazzjoni ta' l-**atturi** (sottolinear tal-Qorti) u mbagħad hemm il-kelma "jikkonfermaw" korretta għal "jikkonferma";

Id-difensur ta' l-atturi għamel riferenza għall-art. 156(3) ta' l-istess kap li jgħid li għandha tiġi ppreżentata dikjarazzjoni flimkien maċ-ċitazzjoni mill-attur "jew wieħed mill-atturi";

Wara li semgħet it-trattazzjoni fuq dan il-punt, il-Qorti hija tal-fehma li l-posizzjoni korretta *ad validitatem* hija s-subartikolu 4 jagħmilha ċara li meta *si tratta* ta' aktar minn kawża waħda (u hawn *si tratta* ta' żewġ atturi b'oġġetti **differenti** għal kull wieħed minnhom u mhux allura jaġixxu għall-**istess** oġġett jew oġġetti), allura kull wieħed mill-atturi kellu jikkonferma bil-ġurament il-paragrafu jew il-paragrafi tad-dikjarazzjoni li jkun fihom il-fatti dwar il-kawża tiegħu. Id-diċitura adoperata mill-art. 156(4) tal-Kap. 12 hija ċara biżżejjed;

Billi però, f'kull każ, wieħed miż-żewġ atturi, jiġifieri l-perit Anthony Stivala, *ikkonforma ruħu mal-kliem u ma' dak li minnu* rikjest mil-liġi tal-proċedura, allura n-nullità eċċepita hija biss waħda parzjali u tirrigwarda biss it-talba u allura l-kawża li qiegħed jipproponi l-attur l-ieħor Adrian Stivala;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeċidi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut billi **tirriġetta** l-ewwel parti tagħha kif fuq ingħad in kwantu bbażata fuq l-art. 156A(1) però fl-istess waqt **tilqa'** *in parte* t-tieni parti tagħha in kwantu hija bbażata fuq l-art. 156(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tiddikjara l-att taċ-ċitazzjoni bħala null fil-konfront ta' l-attur Adrian Stivala biss bl-ispejjeż relattivi għal din il-parti tad-domanda a kariku ta' dan l-istess attur. Tordna għalhekk ukoll, in difett ta' xi ostakolu legali, bil-prosegwiment tal-kawża bejn iż-żewġ kontendenti l-oħra jiġifieri l-Perit Anthony Stivala bħala attur u Gerald de Trafford bħala *konvenut*'';

L-attur Adrian Stivala appella billi jissottometti illi l-artikolu

156A Kap. 12 jitkellem dwar diversi kawżi mressqa b'ċitazzjoni waħda u mhux fuq ċitazzjoni b'kawżali waħda, u l-azzjoni preżenti m'hijiex il-kumulu ta' diversi kawżi iżda diversi domandi minn diversi atturi f'kawża waħda;

Ikun tajjeb li, għall-kjarezza jiġi kkwotat, in parti, l-artikolu 156A, Kap. 12, li ġie introdott fl-1985:

"Żewġ atturi jew iktar jistgħu jressqu l-kawżi tagħhom b'ċitazzjoni waħda jekk fil-kawżi jkun hemm konnessjoni ta' suġġett.....";

L-appellant qiegħed jippretendi li huwa u l-attur l-ieħor m'humiex iressqu "kawżi" b'ċitazzjoni waħda, bis-saħħa ta' dan l-artikolu, imma qegħdin iressqu kawża waħda, b'ċitazzjoni waħda;

Hija din l-impostazzjoni ta' l-appellant li ma tistax tiġi aċċettata;

Il-konvenju huwa wieħed u fih il-venditur huwa wieħed mentri l-kompraturi huma tnejn. Biex ikun hemm l-unità ta' kawża għall-kompraturi/atturi dawn ma jkunux jistgħu jaġixxu singolarment billi d-dritt ta' azzjoni ta' kull wieħed minnhom ma jkunx jista' jiġi eżerċitat mingħajr il-kunsens ta' l-ieħor. Dan manifestament m'huwiex il-każ. Kull wieħed minnhom, mill-atturi, seta' jaġixxi b'mod indipendenti, mingħajr il-ħtieġa ta' l-intervent, anzi l-preżenza, ta' l-ieħor. Dan il-kontroll *proċedurali jirrisolvi l-problema li tirrigwarda s-singolarità jew* il-pluralità ta' l-azzjoni jew azzjonijiet, kawża jew kawżi, li tqanqlet quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti;

Difatti, faċilment jista' jiġi kontrollat illi f'kawża ta' diviżjoni – li jsemmi l-appellant fil-petizzjoni tiegħu – kull koproprjetarju jista', waħdu jew ma' oħrajn, jipproponi l-kawża ta' diviżjoni, però dik l-azzjoni tiegħu trid **bilfors** tinvolvi l-preżenza tal-kopropjetarji l-oħra **kollha**, jew bħala atturi, miegħu, jew bħala konvenuti. U dan juri li l-kawża ta' diviżjoni hija waħda; in-numru ta' atturi – ikun kemm ikun – ma jbiddilx l-oġġett tal-kawża;

Fil-każ *de quo agimur* l-oġġetti fil-kawż huma tnejn: iż-żewġ fondi immobbiljari – wieħed għal kull wieħed mill-atturi – li *l-konvenut obbliga ruħu li jittrasferixxi, lil kull wieħed minnhom*, b'konvenju wieħed. Żewġ obbligazzjonijiet nettament separati, li jagħtu lok għal żewġ azzjonijiet ġudizzjarji indipendenti minn xulxin, peress illi kull attur seta' jesiġi d-dritt tiegħu waqt li l-ieħor seta' jirrinunzja, kif ukoll id-debitur, konvenut, seta' rreżista jew oppona waħda mill-obbligazzjonijiet, u ammetta u esegwixxa l-oħra;

Għalhekk l-interpretazzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti hija korretta; u l-konsegwenza hija li allura għall-każ japplika l-provvediment tas-sub-inċis (4) ta' l-artikolu 156 u Adrian Stivala, l-appellant, kien obbligat li jikkonferma bil-ġurament il-paragrafu jew paragrafi tad-dikjarazzjoni li takkompanja ċ-ċitazzjoni fejn huwa kien interessat. U billi dan ma sarx, il-kawża tiegħu jonqosha element ritwali essenzjali u mingħajru l-azzjoni tiegħu ma tistax tkompli miexja;

*Għal dawn ir-raġunijiet l-appell huwa miċħud u s-sentenza* appellata hija kkonfermata. Spejjeż għall-appellant;

L-atti għandhom jintbagħtu lura lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża, kif ordnat l-istess Qorti.